MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 502/2004

**Philip Chetcuti**

**Vs**

**Joseph Zarb**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas is-somma ta' tlett elef u sitt mitt lira Maltin (Lm3,600) jew somma verjuri likwidati mill-Qorti kif ukoll Lm94.40 bhala konsult legali bhala danni subiti mill-esponenti risultat ta' incident awtomobilisitku bejn il-vettura FLX 187 misjuqa mill-mittent u BAU 681 misjuqa minn Joseph Zarb li sehh Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex fis-17 ta' Marzu 2004 u liema incident sehh unikament tort ta' Joseph Zarb. Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Settembru 2004 fil-konfront tal-assikurazzjoni tal-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 9 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. It-talba tal-attur ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament htija tal-attur.
2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-quantum tad-danni pretiz mill-attur huwa eccessiv stante li, kif kien accertat mill-assikurazzjoni tal-eccipjent, id-danni tal-attur ma kienux jeccedu l-elfejn u mitejn lira (Lm2200). Infatti bhala konsegwenza tal-incident, il-vettura tal-attur kienet dikjarata 'beyond economical repair' u l-assikurazzjoni tal-eccipjent accertat li l-vettura tal-attur kellha 'pre-accident value' ta' elfejn u sitt mitt lira (Lm2600) u 'wreck value' ta' erba' mitt lira (Lm400).
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel xhud prodott mill-attur kien PS 1136 Fabian Fleri (fol 14 et seq ibid) spjega li hu kien irrediga, biss, rapport stante li fih kien hemm l-intervent ta' zewg gwardjani lokali. Difatti hu kien acceda fuq il-post in vista li kien hemm xi persuna jew persuni li kienu gew feruti ossija l-istess attur li kien ittiehed l-Isptar. Dwar l-istess incident kienu involuti 'zewg vetturi' wahda misjuqa mill-attur (bin-numru FLX 187) u ohra misjuqa mill-konvenut bin-numru BAU 681. Dwar ir-rapport redatt minnu (fol 17 et seq ibid), ix-xhud kien nizzel li l-vettura misjuqa mill-atturi kellha hsarat fil-'whole front parts and front sides and tyres' u 'rear left common parts' waqt li dik misjuqa mill-konvenut kellha dawn sitwali fi 'front right door, mudguard, bonnet, bumper and indicator, rear right mudguard, light and bumper'. Dwar dak li stqarrew l-istess persuni involuti f'din il-kollizjoni, l-attur kien qallu illi kien gej mid-direzzjoni tal-Gzira biex jibqa sejjer lejn Triq Abbate Rigord meta hu ra li l-konvenut, li kien qed jsuq

quddiemu, jikser lejn ix-xellug mal-gnien hemm sitwat meta, f'daqqa wahda kiser lejn il-lemin u ghalhekk habat fih.  Minhabba hekk, hu, '… dawwarni u dhalt gol-arblu' waqt li l-konvenut kien stqarr mieghu li ried jdur lejn il-lemin sabiex jidhol fi triq laterali.  Ghalhekk hu xeghel l-'indicator' u kif kien qed jdur dejjem lejn il-lemin, '… l-iehor gie bi 'speed' qawwi u dahal fija u dawwarni dawra shiha'.

Ix-xhud qal, li avolja ma kienx hu li ghamel skizz tal-incident in esami, hu kien ra 'debris' fuq it-triq kif ukoll 'breakmarks' fil-vicinanzi ta' 'pelican lights'.

Illi, sussegwentement, giet prodotta Mariella Micallef (fol 59 et seq ibid) wahda mill-gwardjani lokali msemmija u din esebiet it-'traffic accident report' (a fol 61 et seq ibid) kif ukoll skizz li, pero', ma kienx sar minnha (fol 66 ibid). Hemm ukoll esebiti dokumenti simili a fol 67 u fol 69 ibid kif ukoll ritratti mehudin minn xi hadd (a fol 70 sa fol 73 ibid).

Ix-xhud semmiet li kienet hi li hadet u vverbalizzat il-versjoni moghtija lilu mill-imsemmi Joseph Zarb kif hemm imnizzel a fol 67 izda ma setghetx taghmel l-istess in rigward l-attur ghar-raguni hemm indikata.

Illi l-attur, Philip Chetcuti (a fol 87 et seq ibid) illi kien qed jsuq ghad-dritt lejn Triq Abbate Rigord u kif wasal fuq in-naha ta' wara ta' 'pelican lights' hu kien ra li, quddiemu, kien hemm il-vettura misqjuqa mill-konvenut. Dan '… qaleb sabiex imur lejn ix-xellug (izda) … f'daqqa wahda … l-ohra rajtha gejja ghal go fija sabiex tmur …' lejn il-lemin. Minhabba hekk, il-konvenut laqtu fuq in-naha tal-passiggier u kompla jdawwru ghal go pilastru tad-dawl.

Hawnhekk hu gie muri l-iskizz a fol 66 u fol 69 u qal li l-ewwel wiehed kien filfatt, sar mill-Pulizija.  In rigward it-tieni wiehed (a fol 69) hu kkonferma li l-vetturi, wara l-incident kienu spiccaw skond kif murija fuq dan id-dokument.  Fil-kontro ezami hu kompla jsostni dak li stqarr lill-Pulizija u xehed fl-ezami tieghu dwar il-manuvra li ghamel il-konvenut immedjatament qabel dan l-incident. Inoltre hu qal illi ma kien ra' l-ebda 'indicator' mixghul fil-

karozza misjuqa mill-konvenut u meta gara dan '.. jiena kont ma gembu' u hu '… dar ghal fuqi'.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 119 et seq ibid) dwar l-incident ikkonferma illi ' Kif kont sejjer indur lejn il-lemin, lejn Triq il-Gnien, xeghlet l-'indicator' (tal-lemin) u 'Jiena kont ser nixghel l-indicator ftit qabel it-'traffic lights'…' u dan meta kien f'nofs it-triq, li hi 'one way'. In rigward traffiku hu sahaq illi ma kienx ra' xi karozzi warajh u ma kienx hemm minn dawn fl-akkwati. Kif kien qed jdur u jikser lejn il-lemin hu hass l-impatt fuq in-naha tieghu tal-istess karozza u din spiccat quddiem villa disabitata fil-kantuniera ma Triq il-Gnien (il-karozza bl-ittra A a fol 69). Inoltre dejjem skond hi dik tal-attur kienet imdahhla fl-arblu fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Pero sussegwentement, hu korrega ruhhu billi qal 'Filfatt fuq l-isketch, il-karozza tieghi hija mmarkata bl-ittra B' waqt li dik '… bl-ittra A hija dik tal-attur'. Fil-kontro ezami hu indika fejn xeghel l-'indicator' b'aktar precisjoni billi qal li kien xeghlu 'qabel dan id-dawl' (il-'pelican lights') faccata ta' hanut li jbiegh affarijiet tal-bahar.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi prodotti mill-partijiet, fil-fehma tal-Qorti, ghandhom jigu konsiderati s-segwenti fatti:-

a) It-triq in kwistjoni hi 'one way' u zewg vetturi jistghu, facilment, jinsaqu ma' gemb xulxin, kif filfatt jidher li kien f'dan il-kaz, bil-vettura tal-konvenut fuq ix-xellug u dik tal-attur fuq il-lemin taghha almenu 'in parte'.

b) Il-konvenut ried jesegwixxi manuvra billi jdur lejn il-lemin sabiex jidhol fi triq laterali waqt li l-attur kien ser jsuq ghad-dritt lejn l-Imsida.

c) Il-konvenut jsostni li xeghel l-'indicator' sabiex juri lit-traffiku li seta' kien gej warajh illi kien ser jesegwixxi l-imsemmija manuvra. Dwar dan il-punt l-attur jghid illi ma ra' ebda 'indicator' mixghul. Anzi sostna li ra lill-konvenut jdur xi ftit lejn ix-xellug u imbaghad ghall-gharrieda jikser lejn il-lemin waqt li hu kien qed jissorpassah.

d) Fl-ahhar paragrafu, hemm konflitt bejn dak li xehdu l-partijiet dwar id-dinamika ta' kif sehhet il-kollisjoni. Hu minnu li ma ingiebet ebda prova oggettiva dwar min minnhom qed jghid dak li verament gara f'din il-parti tal-istess incident. Pero l-Qorti tinnota ukoll li ma jidhirx li l-konvenut, filfatt, assikura ruhu, li ma kien gej l-ebda traffiku, minn warajh jew fuq il-lemin tieghu qabel ma beda jesegiwxxi din il-manuvra. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, il-konvenut xeghel l-'indicator', vicin fejn gara l-incident dan ma kienx sufficjenti, fil-fehma tal-istess Qorti, sabiex hu ma jigiex ritenut responsabbli ghal dan l-incident u dan peress li esegwixxa l-manuvra kif deskritta, minghajr ma ha d-debita kawtela u l-prekawzjonijiet kif suppost.

Illi, la darba l-attur ma jidhrix li kien b'xi mod traskurat fis-sewqan tieghu fuq livell ta' kontributorjeta, ir-responsabilta ta' dan l-incident ser tigi akkollata 'in toto' lill-konvenut.

Ikkunsidrat

Dwar il-'quantum' pretiz, il-Qorti rat il-provi prodotti dwar il-hsarat li batiet il-karozza tal-attur bin-numru FLX 187, principalment fol 36, 44, 74, 81, 93, 98, 107 u 129 et seq ibid. L-ewwel nett jidher li l-vettura tal-attur kienet inxtrat aventi l-valur ta' 'wreck' bil-prezz ta' Lm400 waqt li kienet inghatat 'pre-accident value' ta' Lm3,500, skond ix-xhieda ta' Colin Cassar (fol 74 et seq ibid) u Lm2610 minn Charles Galea (fol 98 et seq ibid) dan tal-ahhar 'Claims Manager' mas-socjeta' assikuratrici tal-konvenut. Din id-diskrepanza kienet minhabba l-'air conditioner'. Difatti skond l-ahhar xhud imsemmi, il-vettura tal-attur kellha, biss, is-'switch' ghal dan l-apparat minghajr, pero', l-apparat (ara ukoll ix-xhieda ta' Anthony Vassallo a fol 107 et seq ibid. A bazi ta' dan, il-Qorti tara li l-ammont mitlub fl-avviz ghandu jitnaqqas ghal dak li sostniet is-socjeta' assikurattrici tal-konvenut cjoe Lm2610 li minnu jitnaqqas ulterjorment, il-valur bhala 'wreck' ottenut mill-istess attur.

Ghalhekk l-ammont mitlub ser jigi ridott ghal Lm2210.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti waqt li tichad l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-tieni (2) eccezzjoni qed tilqa' t-talbiet kif ser jinghad ossija:-

a) tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident tieghu peress li dan gara tort tieghu minhabba traskuragni fis-sewqan da parti tal-konvenut.
b) Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm2210 ossija €5147.92 u
c) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm2210 ossija €5147.92 bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Settembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.
In rigward l-ispejjes kollha dawn jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenut kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------